

32005D0800

L 302/46

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

19.11.2005

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
ta' l-14 ta' Novembru 2005
dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Internazzjonali
dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 2005

(2005/800/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133, flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Fil-25 ta' Novembru 2003, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja f'isem il-Komunità r-reviżjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 1986, kif emendat u estiż fl-1993, u prolungat l-aħħar fl-2004.
- (2) Fid-29 ta' April 2005, il-Ftehim Internazzjonali Ġdid dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda ġie adottat mill-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti għan-Negozjar ta' Ftehim Suċċessur għall-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 1986.
- (3) Il-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 2005, jipromwovi kooperazzjoni internazzjonali, jikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-istabbiltà tas-swieq għall-prodott konċernat u għall-kisba ta' l-oġettivi tal-politika kummerċjali u agrikola tal-Komunità.
- (4) Huwa għalhekk fl-interess tal-Komunità li tapprova l-Ftehim ta' l-2005,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 2005, huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim hu meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat biex jaħtar il-persuna(i) bis-setgħa li tiffirma (jiffirmaw) il-Ftehim sabiex tesprimi (jesprimu) l-kunsens tal-Komunità li tintrabat bih, skond l-Artikolu 39(2)(a) *.

Magħmul fi Brussell, 14 ta' Novembru 2005.

Għall-Kunsill

Il-President

T. JOWELL

* Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.